MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1077/1997/1

**Josephine Farrugia**

**v.**

**Noel Portelli u Anthony Farrugia**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju 1997, l-attrici ppremettiet illi l-konvenut Anthony Farrugia gie kkundannat ihallas lill-konvenut l-

iehor Noel Portelli s-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf erba’ mija u sitt liri Maltin (Lm22,406) u dan permezz ta’ sentenza datata l-4 ta’ Ottubru 1995, fl-ismijiet “Noel Portelli v. Anthony Farrugia” – Citazzjoni numru 933/89 AJM; illi din il-kawza kienet tirrigwarda incident marittimu meta l-konvenut Anthony Farrugia kien qieghed isuq opra tal-bahar u laqghet lill-konvenut l-iehor Noel Portelli li sofra debilita` permanenti u s-somma fuq imsemmija tirraprezenta danni sofferti mill-konvenut Noel Portelli in linea ta’ damnum cessans (sic) u damnum emergens; illi ghalhekk huwa ovvju li dawn id-danni huma ta’ natura civili naxxenti minn reat minghajr rieda; illi ghalhekk il-konvenut Noel Portelli irid jagixxi kontra l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn l-attrici Josephine Farrugia u l-konvenut Anthony Farrugia biex jissodisfa u jithallas l-ammont fuq imsemmi u in subsidium biss jista’ jagixxi kontra l-attrici Josephine Farrugia kwantu l-beni parafernali taghha; illi l-konvenut Noel Portelli in ezekuzzjoni tas-sentenza sudetta istitwixxa proceduri bis-subbasta biex jinbiegh l-beni mobbiljari deskritti fl-anness avviz markat bhala dokument “AF1” u dana permezz tas-subbasta numru 24/96 fl-ismijiet “Noel Portelli v. Anthony Farrugia et”, liema bejgh furzat jinsab appuntat ghas-26 ta’ Mejju 1997 f’12.00 a.m.; illi kif ser jirrizulta mill-provi fil-kawza l-parti l-kbira tal-beni mmobbiljari hemm imsemmija jappartjenu kwantu ghan-nofs indviz lill-attrici, liema beni mmobbiljari huma proprjeta` u ppervjenew permezz ta’ donazzjoni mill-krituri ta’ l-attrici fl-att tan-Nutar Joe Cilia datat 6 ta’ April, 1995 (ara Dokument “AF2”); illi ghalhekk huwa manifestament car li n-nofs indiviz ta’ din il-proprjeta` mmobiljari hija proprjeta` parafernali u partikolari ta’ l-attrici Josephine Farrugia u kwindi l-imsemmi Noel Portelli ma setax jghaddi biex jesegwixxi kontra taghha jekk qabel ma jezawrixxix il-beni komponenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti; illi ghalhekk il-konvenut Noel Portelli ma jistax jagixxi kontra l-attrici kwantu jirrigwarda l-proprjeta` fuq imsemmija jekk mhux in sussidium (sic) u dan kif jistabilixxi l-Artikolu 1330 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara bhala null u minghajr effett il-proceduri tas-subbasta numru 24/96 fl-ismijiet fl-ismijiet “Noel Portelli v. Anthony Farrugia et”

Bl-ispejjez u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-13 ta’ Ottubru, 1998 il-konvenut Noel Portelli eccepixxa:-

1. In linea preliminari l-irritwalita` tal-azzjoni billi l-attrici ma tistax tipproponi din il-kawza wahedha u minghajr l-intervent ta’ zewgha ghat-tenur tal-art. 1322 tal-Kodici Civili.

2. Subordinatament u bla pregudizzju, il-beni tal-komunjoni li fuqhom hemm djun sostanzjali mal-banek, gja rrizultaw li mhumiex bizzejjed biex jaghmlu tajjeb biex jithallas il-kreditu li ghandu l-eccipjent u ghalhekk hu lecitu li ssir is-subbasta anki fuq il-beni parafernali, li skond il-ligi huma milquta mill-istess dejn in subsidium u ghalhekk din il-kawza ma ghandha ebda effett prattiku hlief dak li ittawwal il-procedura tas-subbasta.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, peress li r-rikors ta’ l-attrici biex tieqaf is-subbasta kien gie michud, illum, l-effetti parafernali gja inbieghu bis-subbasta u li fadal ghall-biegh hija d-dar konjugali li hija tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk tista’ tinbiegh bla xkiel.

4. F’kull kaz, anki jekk din il-Qorti tiddikjara li l-beni parafernali tal-attrici mhux suppost li imbieghu f’dak l-istadju, l-atti tas-subbasta xorta ghandhom jibqghu bla mittiefsa ghal dak li jirrigwarda il-beni kollha tal-komunjoni tal-akkwisti li imbieghu jew ghad iridu jimbieghu.

B’sentenza preliminari tad-9 ta’ Marzu, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Noel Portelli bl-ispejjez a karigu tieghu.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-30 ta’ April 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza fil-mertu billi qalet hekk

"*ghal dawn il-motivi, din il-Qorti* ***taqta' u tiddeciedi****, billi fil-kontumacja tal-konvenut Anthony Farrugia, u filwaqt li tilqa' t-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut Noel Portelli,* ***tichad it-talba attrici*** *stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kollha a karigu tal-attrici, hlief ghal dawk dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenutNoel Portelli skond is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2000 li gew hemm pronunzjati kontra l-istess konvenut.*" U dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet.

**"(A) AZZJONI ATTRICI**

"Illi din hija kawza istitwita mill-attrici, mart il-konvenut Anthony Farrugia, fejn qed titlob li l-atti tas-subbasta Numru 24/96 fl-ismijiet "Noel Portelli vs Anthony Farrugia et" ghandhom jigu ddikjarati nulli u bla effett *stante* li l-istess atti tas-subbasta qed jigu esegwiti fuq proprjeta` parafernali ta' l-attrici, provenjenti lilha minn kuntratt ta' donazzjoni mill-genituri taghha datat 6 ta' April 1995 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia (Dok "AF2") u li tali subbasta ma setghatx issir kontra l-istess beni parafernali hlief *in subsidium ai termini* tal-**artikolu 1330 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**"(B) CIRKOSTANZI LI TAW LOK GHALL-AZZJONI ODJERNA.**

"Illi permezz ta' sentenza datata 4 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet "**Noel Portelli vs Anthony Farrugia**" (P.A. AJM) – Citaz. Numru 933/89/AJM) l-konvenut odjern Anthony Farrugia gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' LM22,406 bhala *sorte*, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez gudizzjarji, wara li l-istess konvenut kien instab responsabbli li b'negligenza tieghu huwa kien responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur f'dik il-kawza, inkluza debilita` permanenti risultanti minn incident marittimu.

"Illi l-istess kreditur esekutant b'rikors datat 4 ta' Marzu 1996 talab li esekuzzjoni tal-kreditu tieghu kontra l-istess Anthony Farrugia, tigi ordnata l-bejgh in subbasta tal-

immobbli indikati fl-istess rikors, u wkoll fl-avviz a fol. 32 tal-process.

“Illi b’verbal tat-8 ta’ Frar 1999 (fol 48) il-partijiet qabblu li l-proprjeta` mmobbiljari hemm elenkati jappartjenu kwantu ghal dik enumerata bin-numru wiehed (1) lill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-attrici u l-konvenut, u kwantu ghal dawk enumerati bin-numru tnejn (2) sa’ sitta (6) nofs indiviz huma beni parafernali tal-attrici u nofs indiviz huma beni parafernali tal-konvenut Anthony Farrugia. L-istess partijiet qabblu wkoll li l-proprjetajiet ennumerati mit-tnejn (2) sa’ hamsa (5) fl-istess avviz gew illiberati favur il-konvenut Noel Portelli *‘animo compensandi*’.

“Illi huwa veru li fl-affidavit taghhom il-konjugi Farrugia, attrici u konvenut rispettivament f’din il-kawza sostnew li l-proprjeta` mmobbli ndikata fil-lista a fol. 32 tal-process hija ukoll parafernali kwantu ghan-nofs indiviz tal-attrici, pero` fil-kontro-ezami li sar lill-attrici fid-29 ta’ Novembru 2001 hija stqarret ghal darba ohra li Flat 2, formanti parti minn blokk ta’ Flats “JoeVince”, fi Triq Patri Felic Sammut, li tizbokka gjo Mosta Road, San Pawl il-Bahar, huwa fil-fatt parti mill-komunjoni tal-akkwisti *stante* li gie akkwistat b’xiri waqt iz-zwieg.

“Illi mill-atti tas-subbasta *de quo* jirrizulta wkoll li rikors tal-attrici datat 14 ta’ Mejju 1997 sabiex tigi sospiza l-istess subbasta gie michud b’digriet ta’ dn il-Qort (Onor. Mhallef Giannino Caruana Demajo) datat 10 ta’ Lulju 1997, u rikors iehor tal-attrici ghall-istess skop ta’ sospensjoni tas-subbasta datat 9 ta’ Ottubru 1997, fis-17 ta’ Ottubru 1997.

“**<u>(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI U KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT.</u>**

“Illi ghalhekk minn dan kollu jidher li l-azzjoni attrici qatt ma tista’ tolqot l-ahhar imsemmi flat Numru 2, formanti parti minn blokk ta’ Flats “JoeVince, fi Triq Patri Felic Sammut li tizbokka gjo Mosta Road, San Pawl il-Bahar, *stante* li *ex admissis* kemm fil-verbal citat tal-8 ta’ Frar 1999 u kemm mill-kontro-ezami tal-attrici, dan jirrizulta li huwa beni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk suggett

ghal dejn tal-istess komunjoni tal-akkwisti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 1320 u 1327 tal-Kap 16** u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jaqa' taht dak allegat fic-citazzjoni attrici, peress li ma huwiex beni parafernali, lanqas fis-sehem ta' nofs indiviz tal-attrici. Huwa inutili li dan rega' ssemma fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess attrici, ghaliex b'hekk qed jigi njorat dak li kemm l-attrici u d-difensur taghha sostnew fil-verbal u fix-xhieda fuq indikata, u jekk dan ma jammontax ghal tentattiv sabiex tigi svijata l-Qorti, certament li l-kontenut tan-nota ta' osservazzjonijiet fir-rigward ta' dan il-flat, mhux konsistenti mal-atti processwali u l-ammissjoni tal-attrici f'dan ir-rigward.

“Illi pero` anke jekk wiehed ihares lejn il-bazi tal-azzjoni attrici, jirrizulta li din lanqas ghandha ebda fondament guridiku lanqas fuq il-proprjeta` l-ohra hemm elenkati li hija parafernali ghall-attrici fis-sehem ta' nofs indiviz, u dan peress li jidher li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-**artikolu 1330 tal-Kap 16**, fejn l-attrici qed tippretendi li d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ta' zewgha ma jistax jigi esegwit fuq il-proprjeta` parafernali taghha hlief *in subsidium.*

“Illi issa mill-provi prodotti jirrizulta li minn dokument “NP” a fol. 77 tal-process li beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu kollu li ghandu l-konvenut Noel Portelli kontra Anthony Farrugia, kanonizzat b'sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Ottubru 1995, certament li ma hemmx bizzejjed, *stante* li kull ma hemm jew ahjar baqa' huwa biss ‘il fuq imsemmi appartament li skond ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Rene' Buttigieg datata 7 ta' Awissu 1996 ghandu valur ta' LM20,000, u ghalhekk certament li l-atti tas-subbasta, meta gew istitwiti mill-konvenut Noel Portelli abbazi ta' tali stima peritali, li ma giet bl-ebda mod ikkontestata mill-istess konjugi Farrugia, giet istitwita regolarment. Jirrizulta wkoll li tali konteggi a fol. 77 tal-process prodotti mill-konvenut Noel Portelli ma gew bl-ebda mod kontestati mill-istess attrici u lanqas mill-konvenut Anthony Farrugia, la permezz ta' provi u lanqas f'xi forma ta'

argumentazzjoni jew kontestazzjoni fl-istess nota ta' osservazzjonijiet attrici.

“Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li l-attrici fl-ebda stadju tal-provi ma resqet provi li l-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejnha u bejn il-konvenut Anthony Farrugia ghandha assi bizzejjed sabiex tissodisfa d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti kanonizzat favur il-konvenut Noel Portelli bl-imsemmija decizjoni, u dan anke meta l-oneru ta' prova kien kollu fuqha, *stante* li hija vantat l-istess allegazzjoni abbazi ta' dak li qed tghid li jiddisponi l-imsemmi **artikolu 1330 tal-Kap 16.**

“Illi wkoll dak kontenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici fejn hemm sostniet li “*l-attrici hija responsabbli sa l-ammont taghha mill-komunjoni*” huwa wkoll legalment inkorrett *stante* li l-*proviso* tal-**artikolu 1330 (a) u (b)** lanqas japplika ghall-attrici, *stante* li l-kreditu tal-konvenut Noel Portelli ma huwiex naxxenti minn “*rimedju civili dwar reat maghmul bir-rieda minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg*” u lanqas huwa il-kaz li “*id-dejn jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324*”.

“Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ma tistax tigi milqugha ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan abbazi ta' dak fuq premess; jigi rilevat ukoll li jidher li t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Noel Portelli tidher ukoll ben fondata u dwar dan wiehed jirreferi wkoll ghall-verbal tad-difensuri tal-partijiet tat-8 ta' Frar 1999.”

**L-appell ta' l-attrici.**

L-attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u, b'rikors intavolat fl-20 ta' Mejju 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u minflok, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, takkolji t-talbiet attrici appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Il-konvenut Noel Portelli pprezenta risposta ghall-appell ta' l-attrici fejn stqarr li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma talab li l-appell ta' l-attrici jigi michud bl-ispejjez.

**Aggravji**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-appellanti ressqet aggravju wiehed ghas-sentenza fuq imsemmija u dana jikkoncerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li l-ewwel Qorti tat ghall-Artikolu 1330 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li ma huwiex kkontestat li d-dejn naxxenti mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1995, fil-konfront tal-konvenut Anthony Farrugia jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-konjugi Farrugia a tenur tas-subinciz (f) ta' l-Artikolu 1327 tal-Kap. 16 u dan inkwantu huwa dejn ossia indennizz naxxenti minn rimedju civili konsegwenti ghall-incident marittimu li fih kien involut l-istess Anthony Farrugia.

Dan premess, din il-Qorti issa sejra tezamina l-portata ta' l-Artikolu 1330 tal-istess Kap. 16 li jiddisponi espressament hekk:
"*Meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunx bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom <u>in subsidium</u> kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin.*"

Il-kawza kollha hija bazata fuq il-kliem *"in subsidium*" billi l-attrici, li tigi mart il-konvenut Anthony Farrugia, qed toggezzjona ghall-fatt li meta l-kreditur, u cioe` Noel Portelli, ittanta jezegwixxi l-kreditu tieghu naxxenti mis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 1995, permezz ta' proceduri ta' subbasta, gew inkluzi fil-lista ta' l-assi mmobiljari ghall-bejgh proprjetajiet li ma kienux jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti izda li kienu jappartjenu lilha personalment *qua* assi parafernali derivanti minn kuntratt ta' donazzjoni.  L-attrici ghalhekk qed tghid li dan kien

zbaljat billi, in forza ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 1330, l-ewwel kellu jigi eskuss l-assi tal-komunjoni u fil-kaz biss li dan ma jkunx sufficjenti, il-kreditur kellu dritt jagixxi fuq l-assi parafernali taghha u mhux simultaneament jew, kif gara fir-realta`, qabel ma jinbieghu l-assi tal-komunjoni.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ghamlet diversi konsiderazzjonijiet biex waslet biex cahdet it-talbiet attrici. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-istess konsiderazzjonijiet hija tal-fehma li dawn ma kienux legalment korretti.

Jibda biex jinghad qabel xejn li proceduri ta’ subbasta, anke meta jkunu ser jinbieghu diversi effetti mobbili jew immobbli, jikkonsistu fi procedura wahda u cioe` dik li tibda bir-rikors promotur u l-konsegwenti ordni tal-Qorti sal-finali liberazzjoni tal-fondi jew effetti mobbili favur it-terz. Isegwi li l-atti ta’ subbasta ma jigux istitwiti a bazi ta’ stima li tinghata billi din l-istima ssir wara ordni tal-Qorti, f’dawk l-istess atti tas-subbasta istitwiti bir-rikors promotur, kemm-il darba l-bejgh ikun jikkoncerna proprjeta` mmobiljari. Isegwi li meta jigu istitwiti l-atti ta’ subbasta l-kreditur ma jistax jkun fic-cert jekk dawk l-assi li jkunu ser jinbieghu ghandhomx valur sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu tieghu. Ghalhekk, salv ordni kontrarja tal-Qorti meta jirrizulta b’mod car li l-komunjoni ma jkollhiex assi, huwa mistenni li l-kreditur l-ewwel jittanta jbiegh dak li, skond l-Artikolu 1330, ghandu jinbiegh l-ewwel u mhux permess li, ghax hekk jidhirlu, jezegwixxi kontra kull assi li jsib.

L-ewwel Qorti rriteniet li l-konvenut Noel Portelli seta’ jipprocedi bil-mod li pproceda billi l-provi juru li l-beni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ma kienux sufficjenti. Din pero` hija konkluzzjoni *ex post facto* u qatt ma setghet tingibed fil-mument tal-prezentata tar-rikors billi certament f’dak il-mument kien hemm prova li l-komunjoni kienet tippossjedi sew appartament f’San Pawl il-Bahar li, sussewgentement gie stmat Lm20,000, kif ukoll speed boat li effettivament gie liberat favur Noel Portelli versu l-prezz ta’ Lm1,800.

L-ewwel Qorti ghamlet ir-ragunament taghha li ma kienx hemm proprjeta` sufficjenti, fuq dak li jinghad fin-nota

pprezentata mill-konvenut Portelli u li tinsab a fol. 77 tal-process u li, skond l-istess Qorti, ma giet bl-ebda mod ikkontradetta. Biss minn ezami ta' l-istess nota jirrizultaw certi fatti li, jew mhux korroborati, jew mhux veritjeri. Qabel xejn hemm jinghad li l-"*Court award*" inghata fl-4 ta' Frar 1990, mentri fic-citazzjoni odjerna tissema d-data tal-4 ta' Ottubru, 1995, data li ma hijiex kkontestata bl-ebda mod. Isegwi li l-figura ta' Lm11,892 rapprezentanti imghax "*from first ruling 1990*" hija inveritiera. Hemm ukoll l-figura ta' Lm2,361 rapprezentanti "*Court expenses*". Apparti li jidhru esagerati, ma ngieb ebda dokument korroborattiv. Inoltre kull imghax li seta' jiskadi wara l-4 ta' Marzu 1996, u cioe` d-data tal-prezentata tar-rikors promotur tas-subbasta, qatt ma kellu jigi konsiderat fil-mument ta' l-istituzzjoni ta' l-istess proceduri ta' subbasta, izda se mai kien jigi kunsiderat fi stadju ulterjuri meta l-kreditur ezekutant japplika biex jirtira l-ammont depozitat in sodisfazzjon tal-kreditu tieghu. Fl-ahharnett din il-Qorti ma tistax tifhem ir-rilevanza tal-partiti indkati bhala "**Additional**" fl-istess dokument anke in vista tal-fatt li ma ngiebu ebda dokumenti korroborattivi.

Finalment l-ewwel Qorti osservat, u wiehed jifhem li dan sar fil-kuntest ta' l-akkoljiment tat-talba attrici, li l-attrici ma ppruvatx li l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kien bizzejjed biex jissodisfa l-kreditu tal-konvenut Noel Portelli. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan, fil-kuntest tat-talbiet attrici, kien totalment irrilevanti billi hawn mhux si tratta jekk tressaqx il-bocca lejn il-lik, izda l-applikazzjoni ta' regoli stretti li jimponu li, kif sewwa ppremettiet l-attrici fic-citazzjoni, kien jispetta li tigi osservata r-regola li tohrog mill-artikolu 1330 tal-Kap 16. Cioe` li <u>l-ewwel</u> jigu eskussi l-assi tal-komunjoni u **in subsidium**, fil-kaz li dawn ma jkunux sufficjenti, il-kreditur jezegwixxi kontra l-assi parafernali.

Fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mill-attrici appellanti huwa gustifikat. Biss, stante li l-atti tas-subasta jittantaw ezekuzzjoni kemm fuq proprjeta` tal-komunjoni kif ukoll fuq proprjeta` parafernali ta' l-attrici, ma jistax jinghad li dawk l-atti huma nulli izda se mai hija nulla l-liberazzjoni favur il-konvenut Noel Portelli ta' dawk l-fondi mmobiljari li proprjament qatt

ma kien imisshom ifformaw parti minn dik is-subbasta. Ghalhekk, b'rispett lejn il-principju li "*il piu` comprende il meno*" din il-Qorti mhux ser tiddikjara nulli l-atti ta' subbasta *per se* liema subbasta ghandha tibqa' vigenti fil-konfront ta' dawk l-assi appartenenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-konjugi Farrugia, izda ser tannulla biss dik il-parti tas-subbasta li tikkoncerna l-fondi indikati bin-numri 2 sa 5 fid-dokument a fol 31 tal-process li, bi qbil bejn il-partijiet, gew dikjarati bhala formanti parti mill-assi parafernali tal-konjugi Farrugia u liberati favur il-konvenut Noel Portelli u, a skans ta' ekkwivoci, qed jigu riprodotti hawn taht, u cioe`:-

"2) Bicca art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficcjali ta' 460 metri kwadri, stmata li tiswa Lm370.00;

3) Porzjoni diviza mill-art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficcjali ta' 430 metri kwadri, stmata li tiswa Lm345.00;

4) Porzjoni diviza mill-art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficcjali ta' 574 metri kwadri, stmata li tiswa Lm760.00;

5) Porzjoni diviza mill-art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficcjali ta' 150 metri kwadri, stmata li tiswa Lm370.00."

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-attrici fis-sens biss li

(1) tiddikjara nulla l-liberazzjoni tal-fondi hawn fuq imsemmija favur il-konvenut Noel Portelli in forza tas-subbasta numru 24/96,

(2) tiddikjara bhala li ma jaqghux fis-subbasta msemmija l-proprjetajiet indikati bin-numri 1 u 6 fid-dokument a fol. 31 (u cioe` porzjon diviza mill-art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-Bahar ta' kejl superficjali ta' 721.2 metri kwadri, stmata li tiswa Lm960.00,0 u porzjon diviza mill-art maghrufa tal-Qalgha fil-Bidnija limiti San Pawl il-

Bahar ta' kejl superficjali ta' 178 metri kwadri, stmata li tiswa Lm50.00,0) izda s-subbasta tibqa' vigenti fir-rigward tal-fond Flat 2, Joe Vince Flats, Triq Patri Felic Sammut li tizbokka f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar. Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------